FLORIANA

KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

30 t' April 2014

# LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Minuti tal-Wiehed u Tletin (31) laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana**

Is-Sindku sejjah il-Wiehed u Tletin (31) Laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana, li nzammet **nhar il-Erbgha 16 t'April 2014 fil-5.30pm,** b'din l-agenda:

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti imqajjma mill-minuti
3. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
4. Mistoqsijiet lis-Sindku
5. Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati
6. Rapporti minn Ufficjali tal-Kunsill
7. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji
8. Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet
9. Pjan ta` Hidma 2014-2016
10. Abbozz tal-Management Letter ghas-sena 2013
11. Master Plan ghall-Floriana
12. Evalwazzjoni ta` Offerti
    i. Esklussivita ta Bejgh ta Ikel U Xorb (FNLTNAM)
    ii. Hiring of Crash Barriers
13. Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat
14. Gabbana tac-Centru Rikreattiv Re Gorg V
15. Penaltajiet ghall-Kuntratturi li jonqsu minn dmirom
16. Hlas mill-Awtorita` tad-Djar ghal xoghol imwettaq mill-Kunsill
17. Pavimentar ta' Gnien il-Mall
18. Fondi mill-Unjoni Ewropeja
19. Parkeggi
20. Gonna u Soft Areas
21. Bankini u Asfaltar Balzunetta
22. Jum il-Floriana
23. Isle of MTV
24. Aggornament tal-Laqgha

Ghall-Wiehed u Tletin (31) laqgha tas-Sitt Kunsill kien hemm prezenti **is-Sindku Nigel Holland, il-Kunsillier Edward Torpiano, il-Kunsillier Vincent Borg u l-Kunsilliera Davina Sammut Hili flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv assistit mill-iskrivana E. Borg Bonaci.**
**Il-Vici Sindku Matthew Paris attenda wara materja nru 3.6.**

**Bidu tal-laqgha:**
Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mis-Sindku Nigel Holland.

## 1.0 Approvazzjoni tal-Minuti

1.1. Il-minuti tad-disha u ghoxrin (29) laqgha tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.2. Il-Kunsillier Vincent Borg ressaq il-korrezzjoni ta' materja nru 25.4 li ghandha taqra "Il-Kunsillier Vincent Borg qal li hu jhoss li ghandha tizdied iz-zona li tigi mnaddfa mill-organizzaturi."

1.3. Il-minuti msemmija f'1.1 gew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier Vincent Borg u ssekondata mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

1.4. Il-minuti tat-tletin (30) laqgha tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.5 Il-Kunsillier Vincent Borg ressaq il-korrezzjoni ta' materja nru 17.3 li ghandha taqra "Il-Kunsillier Vincent Borg iddikjara li s-Sur Triganza huwa kugin tieghu."

1.5. Il-minuti msemmija f'1.3 gew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier Edward Torpiano u ssekondata mill-Kunsillier Vincent Borg. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 2.0 Punti imqajjma mill-minuti

2.1 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 3.5 (29) u saqsa jekk il-Kunsill kienx iltaqa' mar-rapprezentant tan-Fondazzjoni Celebrazzjonijiet Nazzjonali. Is-Sindku qal li kellha ssir laqgha l-ghada f'Kastilja.

2.2 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 3.6 (29) u nforma li wara li kien ivverifika, irrizulta li jekk il-linji sofor jitnehhew, il-vetturi jipparkjaw ezatt mad-dahla tal-parapett li hemm b'konsegwenza li jinghalaq l-access ghall-entratura. Ghalhekk il-Kunsill qabel li ghandu jhalli kollox kif inhu.

2.3 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 3.1.0.1 (29) u saqsa jekk il-kuntrattur kienx ipprezenta d-dokumenti necessarji mitluba mill-Kunsill. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li minkejja li kien talabomlu, il-kuntrattur kien ghadu ma pprezentax id-dokumenti. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ssuggeriet li l-Kunsill itih zmien stipulat sa meta ghandu jipprovdi dawn id-dokumenti. Ghalhekk il-Kunsill qabel li ghandu jaghti lill-kuntrattur gimghatejn cans sabiex jipprezenta d-dokumenti mehtiega.

2.4 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 3.12 (29) u saqsa jekk kienx hemm xi zvilupp rigward it-tismija tat-toroq. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li kien ser jiccekkja dwar il-korrispondenza relatata.

2.5 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materji nru 4.1.1 u 4.1.2 (29) u saqsa jekk kienx hemm xi zviluppi. Is-Sindku Nigel Holland wiegeb li hu kien tkellem mal-Kummissarju tal-Pulizija u ma setax jifhem ghalfejn l-affarijiet kienu qed jizvolgu bil-mod hafna. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li l-Avukat tal-Kunsill kellu jibghat ittra legali lill-Kummissarju sabiex jitolbu xi progress kien hemm dwar il-kaz. Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li kien ircieva ittra minghand il-PBS fejn taw zmien ta' skadenza sa meta l-Kunsill ghandu jhallas l-ammont lill-PBS. Is-Segretarju Ezekuttiv kompla billi nforma li kien talab parir minghand l-Avukat tal-Kunsill fejn dan kien issuggerixxa li l-Kunsill ma jwigiebx ghall-ittra, sakemm ikun hemm risposta minghand il-Kummissarju tal-Pulizija.

2.6 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghall-arbitragg tas-Sur Justin Attard u nforma li kollox kien mixi kif suppost u li kienet giet stabbilita data ohra biex ikompli jinstema l-arbitragg.

2.7 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa jekk kienx hemm xi zvilupp dwar il-materja tal-gabbana. Is-Sindku wiegeb li din kienet ser tigi diskussa iktar tard.

2.8 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa jekk is-Segretarju Ezekuttiv kienx kellem lill-Malta Scouts Association dwar il-meters. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li kien ghadu m'avvicinahomx.

2.9 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 19.2 (29) u saqsa jekk din kinietx giet diskussa fil-Valletta Floriana Rehabilitation Committee. Is-Sindku Nigel Holland qal li sfortunatament dan il-kumitat kien ilu ma jiltaqa' hafna u kien jidher li donnu mhux se jibqa' jiffunzjona kien kien pjanat.

2.10 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ghamlet riferenza ghall-materja nru 3.15 (29) u nformat lill-Kunsill li l-attivita' li nzammet ma' Europa Donna Malta kienet wahda ta' success li matulha kienu ngabru €100 li marru ghal din l-ghaqda.

2.11 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 3.5 (30) u saqsa jekk kienx hemm xi zvilupp dwar il-flus dovuti mill-GreenMT. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li kien informa lill-Avukat li ghandu jibghatilhom ittra legali dwar dan.

2.12 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 3.11.1 (30) u saqsa jekk kinietx inbaghtet l-applikazzjoni. Is-Sindku wiegeb li hu kien qed jirrevedi l-applikazzjoni li ghandha tintbaghat mill-aktar fis possibli.

2.13 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 3.1.3 (30) u saqsa jekk kien hemm xi risposta dwar il-korsijiet tal-kompjuter. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili nformat lill-Kunsill li hi kienet tkellmet mad-direttur tat-TCTC fejn accetta li l-kors jinghata b'xejn bil-kundizzjoni li l-Kunsill ihallas l-istampar u l-posta tal-flyers, total ta' €250. Hija ziedet tghid li kienet informatu li kkumparat mas-snin ta' qabel, din is-somma kienet eccessiva u ghalhekk issa kienet ghadha qed tistenna risposta dwar dan.

2.14 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 4.1 (30) u saqsa jekk kienx hemm xi zviluppi dwar il-kamra fi Pjazza Sir Luigi Preziosi. Is-Sindku wiegeb li hu kien tkellem mal-persuni nvoluti fejn tahom cans jipprezentaw id-dokumenti tal-possessjoni tal-kamra izda dawn id-dokumenti baqghu ma gewx ipprezentati u ghalhekk kien ta struzzjoni lid-Dipartiment tal-Artijiet sabiex jipprocedu kif ippjanat inizjalment.

2.15 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 16.6 (30) u saqsa jekk kienx hemm xi zvilupp. Is-Sindku wiegeb li l-V18 kienu kitbu lil kunsilli sabiex jiltaqghu maghhom u ghalhekk il-Kunsill kien qed jistenna li jinghata data ghal-laqgha suggerieta.

2.16 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 19.4 (30) u nforma li kien inghata l-permess mill-MEPA sabiex ikomplu jinzabru s-sigar fi Gnien Preziosi.

## <u>3.0 Komunikazzjonijiet mis-Sindku</u>

3.1 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li l-Hadd ta' wara kien ser isir marc u tqeghid tal-istatwa ta Kristu Irxoxt fi triq il-Miratur, u ssuggerixxa li tintlaqa it-talba tas-Sur Brian Zammit u l-Kunsill ipoggi bukkett fjuri fi tmiem dan il-marc. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

3.2 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li kien inghata l-permess mehtieg mill-MEPA sabiex il-Kunsill jaghmel lift fid-Dar tal-Kunsill kif ukoll biex jaghmel l-alterazzjonijiet mehtiega fis-sular ta' fuq.

3.3 Is-Sindku Nigel Holland talab lill-Kunsillier Vincent Borg sabiex jispjega s-sitwazzjoni li hemm fl-sitruttura tal-bini ta Tom's Bar. Il-Kunsillier Vincent Borg qal li kien informat li kien qed inixxi l-ilma go dan il-hanut fejn kien qed jixxarrab il-hajt u jaghmel hsara. Huwa kompla billi qal li mar fuq il-post flimkien mal-Perit tal-Kunsill fejn kien gie ddeterminat li kien hemm bzonn li jsir xi xoghol minn Gewwa ic-Centru Rikreattiv Re gorg V biex itaffi din il-problema, madankollu, din mhux ser tissolva minhabba kif inhu mibni strutturalment il-post. Il-Kunsillier Borg qal li xi ftit minn dan ix-xoghol seta' jsir mill-haddiema manwali tal-Kunsill stess.

3.4 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand l-iSkola Primarja fejn offrew lill-Kunsill ji jippartecipa fl-isports Day, u dan billi jiehu hsieb il-midalji. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li normalment dawn il-midalji jkunu sponsored mill-Akkademja ta' Justin Haber. Il-Kunsill qabel li l-Kunsilliera Sammut Hili ghandha tikkuntattja lill-Akkademja sabiex jigu pprovduti l-midalji msemmija.

3.5 Is-Sindku Nigel Holland ressaq memo interna antika minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali rigward l-assenza tal-kunsillieri mil-laqghat. Il-Kunsill qabel li jaghderixxi mal-istruzzjonijiet fil-memo u f'kaz t'assenza ta' kunsillier minn xi laqghat, wara talba mill kunsillier relevanti, tali assenza ghandha tigi skuzata mill-Kunsill, jekk ir-raguni tkun valida, u dan ghall-finijiet ta' hlasijiet biss.

3.6 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Birdlife u talab lill-Kunsilliera Davina Sammut Hili sabiex tispjega iktar fid-dettall. Il-Kunsilliera Sammut Hili spjegat li l-Birdlife kienu qed jippruvaw jergggħu iqajjmu l-ezistenza tal-Maltese Falcon (il-bies) f'Malta billi jingiebu z-zghar ta' din l-ispeci u jergghu jibdew jitrabbew. Hija kompliet billi qalet li huma ssuggerew il-lokalita' tal-Floriana minhabba l-hafna bini gholi. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

**<u>Nota: 18:00 Il-Vici Sindku Matthew Paris attenda ghal-laqgha.</u>**

3.7 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-Floriana Senior Citizens fejn informaw lill-Kunsill bil-membri tal-kumitat ghas-sena 2014/5. Huma nformaw lill-Kunsill li kienu qed ifittxu kompjuters sabiex jghinu lill-anzjani jgibu kompetenza fil-qasam tal-IT. Il-Kunsill qabel li jara jsibx xi kompjuters ghal dan il-fini.

3.8 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand J.C.I. fejn talbu permess biex jorganizzaw gala dinner fuq il-Fosos. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li diga kien hemm booking mill-Malta Tourism Authority ghall-armar tal-Isle of MTV fil-granet mitluba. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni jilqa' din it-talba bil-kundizzjoni li jsir ftehim bil-miktub bejn iz-zewg entitajiet u jekk il-ftehim ma jsirx, ma jilqax it-talba tal-JCI.

3.9 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li kienet ingibditlu l-attenzjoni ghall-cirkolari mibghuta mill-Kunsill tal-Ilsien Malti fejn ingibdet l-attenzjoni ghall-uzu korrett tal-Malti fejn kien suggeriet li jibda' jintuza l-isem tal-Furjana minflok il-Floriana. Il-Kunsill qabel li ghandu jinforma lill-Kunsill tal-Ilsien Malti b'mod ufficjali li l-isem ufficjali tal-lokalita' ghandu jibqa' dak storiku ta' Floriana, bl-istess mod li l-isem ufficjali tal-lokalita' ta' Rahal Gdid baqa' Paola.

3.10 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-Floriana Young Stars Hockey Club fejn offrew lill-Kunsill jippartecipa fl-attivita' li ser jorganizzaw fi zmien il-festa. Il-Kunsill approva t-talba bil-kundizzjoni li din l-attivita' tigi organizzata b'mod kongunt.

3.11 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza, risposta ghall-ittra legali 166A, minghand il-Partit Nazzjonalista fejn informaw lill-Kunsill li ma jaqblux mal-allegazzjonijiet tal-Kunsill dwar in-nuqqas tal-bankijiet minn fuq il-Fosos. Is-Sindku qal li ma setax jifhem din ir-risposta ladarba diga kien hemm konferma fiz-zmien li dawn il-bankijiet kienu tnehhew mill-kuntrattur taghhom. Il-Vici Sindku

ssuggerixxa li jkellem hu stess lill-Partit Nazzjonalista. Il-Kunsill qabel u qabel ukoll li f'kaz li ma jkunx hemm feedback, ghandu jipprocedi billi jiftah kawza l-Qorti.

3.12 Is-Sindku Nigel Holland ressaq talba minghand Philip Attard li xtaq jarma kiosk fi Triq il-Vittmi Furjanizi tal-Gwerra dakinhar tal-Festival tan-Nar tal-Ajru fejn anke ser ikun hemm DJ idoqq fil-Valletta Waterfront. Il-Kunsill qabel li ghandu jippostponi din il-materja ladarba l-ghada kien ser ikun hemm laqgha li tittratta din il-materja u ghalhekk il-Kunsill ikun f'pozizzjoni ahjar li jiehu decizjoni.

3.13 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Transport Malta bhala twegiba rigward l-applikazzjoni tal-Kunsill biex jinghalaq l-access ghall-heavy vehicles fi Triq il-Kapuccini. Is-Sindku qal li Transport Malta sostnew li l-ammont ta' heavy vehicles kien wiehed ragjonevoli. Il-Vici Sindku Matthew Paris issuggerixxa li tintalab laqgha ma' Transport Malta sabiex tigi diskussa din il-materja. Il-Kunsill qabel.

3.14 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-MEPA fejn informaw lill-Kunsill li kienu qed joggezzjonaw ghat-talba ghat-tnehhija tas-sigar li hemm faccata tas-sala ta' Robert Samut. Il-Kunsill qabel li ghandu jappella tali decizjoni minhabba li dawn is-sigar huma ta' periklu ghall-pedestrians u b'mod ikbar ghall-anzjani, kif ukoll li l-faccata ta' dan il-post storiku ghandha tigi mikxufa. Is-Sindku Nigel Holland talab lill-Kunsillier Vincent Borg sabiex jitlob li jithawwlu xi sigar fiz-zewg konok vojta li hemm fi Triq Sarria.

3.15 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Mark Mizzi f'isem l-Akkademja ta' Justin Haber. Is-Sindku qal li diversi minn dawn il-punti kienu tressqu lill-Pulizija ghall-attenzjoni taghhom. Fir-rigward tat-talba ghall-uzu esklussiv tat-toilet, din ma ntlaqatx.

3.16 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Eilis Mcculough rigward l-abbozz ta' pjan strategiku ghall-izvilupp u l-ambjent. Is-Sindku ssuggerixxa li ssir laqgha informali fejn jigu diskussi l-punti msemmija fl-abbozz.

3.17 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-Perit rigward l-arblu ta' fuq il-bejt tad-Dar tal-Kunsill.

3.18 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand l-Arcipriet Dun Richard Borg fejn informa lill-Kunsill li hu ma kienx qal li mhux ser ihallas is-sehem li s-soltutohrog il-parrocca ghall-Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar ta l-Art Mekkanizzat, izda li kien qal li kien f'sitwazzjoni diffici. Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li hu ma qabilx mat-ton li bih inkitbet l-ittra. Is-Sindku wiegeb li kienhemm kull ragun li ntuza t-ton li ntuzam ghax l-ahhar ittra minghand l-Arcipriet kienet biss holqa f'kullana ta' atitudnijiet zbaljati fil-konfront tal-Kunsill minn naha tal-parrocca.

<u>**Nota: 18:27 Il-Kunsillier Edward Torpiano talab li jkun skuzat.**</u>

3.19 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Klabb Bocci Floriana fejn offrew lill-Kunsill jghin fit-tisbieh tal-picc. Il-Kunsill approva li jsebbah kif jista l-akwati bil-kundizzjonijiet tas-soltu.

3.20 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghar-railing li hemm hdejn il-Madonna ta' Lourdes u ssuggerixxa li dan jinzebagh kif ukoll li jitrangaw il-knatan. Huwa ssuggerixxa wkoll li din is-soft area titnaddaf u tibda' tinzamm sew. Il-Kunsill qabel u qabel ukoll li ghandu jivverifika jekk din is-soft area hijiex fil-kuntratt tat-tindif ta' soft areas.

3.21 Is-Sindku ghamel riferenza ghal zewg planters fi Pjazza Sant' Anna u ssuggerixxa li jinzerghu xi xtieli fihom anke minhabba li dawn qeghdin fid-dahla tal-lokalita', jew jitnehhew ghall-kollox ghax dawn ilom xhur shah jishaq biex tinzera xi haga sura ta nies fihom. Il-Kunsill qabel.

3.22 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand gwardjan lokali li talab biex darbtejn fil-gimgha jahdem mit-8am sal-4pm. Il-Kunsill qabel li ghandu jilqa' t-talba bi prova ghal dan ix-xahar fejn il-gwardjan lokali ghandu jaghti iktar attenzjoni lil kontravvenzjonijiet ambjentali f'dawn il-hinijiet.

3.23 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ghamlet riferenza ghall-materja precedenti u qalet li kellha rapport li wiehed mill-gwardjani lokali kien qed iharrek xorta fi triq fejn it-tabella kienet giet imdawwra u s-sewwieqa ma setawx jarawha sew.. Il-Kunsill qabel li ghandu jigbed l-attenzjoni tal-gwardjani lokali sabiex joqghodu iktar attenti kif ukoll li jissuggerixxi lill-persuni affetwati sabiex jikkontestaw ic-citazzjonijiet moghtija lilhom.

## 4.0 Mistoqsijiet lis-Sindku

4.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris informa lill-Kunsill li mad-dawra tal-funtana tat-Tritoni twahhlu xi dustbins li qed jaghtu dehra kerha. Huwa saqsa lis-Sindku jekk il-Kunsill ghandux jikteb lil min hu responsabbli sabiex dawn jitnehhew jew jitwahhlu x'imkien iehor. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

4.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris saqsa lis-Sindku jekk tistax tinzamm laqgha mal-Ministru l-gdid tal-Housing. Is-Sindku qal li hu jaqbel mal-proposta.

4.3 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li filwaqt li tirringrazzja lis-Sinjorina Fiona Said tax-xoghol li wettqet matul dawn is-snin, kienet tapprezza li kieku l-impjegata informatha meta kienet ser tkun l-ahhar gurnata tax-xoghol taghha jew li tal-anqas tirringrazzjahom ta' dak li l-kunsillieri ghamlu maghha. Hija kompliet billi saqsiet kif kien qed jopera l-ufficcju amministrattiv u saqsiet meta kien ser jidhol l-impjegat-il gdid. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li minhabba li kien hemm il-kambjament fil-ministeri, l-eks impjegata Fiona Said kienet ghadha ma gietx approvata ufficjalment fil-post-il gdid taghha u ghalhekk il-Kunsill ma setax johrog sejha ghal impjegat gdid.

4.4 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili saqsiet lis-Sindku x'kien ser isir nel frattemp sakemm jinhatar impjegat gdid. Is-Sindku qal li kien qed jaghti l-almu tieghu sabiex jghin kemm jista' lill-impjegati. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li hu wkoll kien qed jaghmel l-istess. Il-Kunsilliera Sammut Hili saqsiet jekk il-Kunsill jistax jinvolvi lill-wahda mill-impjegati tal-ETC sabiex tghin fil-Customer Care. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li kien avvicina lill-impjegata izda din ma xtaqitx li tkun fuq Customer Care ghalhekk ghalissa, kienet qed taghmel xoghol klerikali iehor.

4.5 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa rigward xi kontravvenzjonijiet mahruga lid-direttrici tar-ROCS u jekk kienx sar xi haga dwar dan. Is-Sindku wiegeb li l-Kunsill kien talab sponsorship lir-ROCS group izda ma setax jintervjeni fix-xoghol tal-gwardjani lokali jew fil-kontravvenzjonijiet mahruga lil xi individwu.

4.6 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-mod kif jitbattlu l-bring in sites li hemm fit-Telgha tal-Kurcifiss u saqsa jekk il-Kunsill jistax jitlob li dawn jitbattlu b'mod ahjar. Is-Sindku wiegeb li ghandu jkellem lil min hu responsabbli u jinformahom b'dan is-suggeriment.

## 5.0 Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati

5.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah billi qal li hu jinsab kuntent hafna bis-Sottokumitat tal-Ordni Pubbliku, Harsien tac-Cittadin u Relazzjonijiet mal-Pulizija.

5.2 Is-Sindku ressaq ghall-attenzjoni tal-Kunsill il-minuti ghall-hames u s-sitt laqgha tal-istess sottokumitat.

**Nota: 18:44 Is-Sindku Nigel Holland talab li jkun skuzat.**
**Il-Vici Sindku Matthew Paris gie mitlub jippresiedi l-laqgha.**

## 6.0 Rapporti minn Ufficjali tal-Kunsill

6.1 Ma kien hemm l-ebda rapport minn ufficjali tal-Kunsill.

## 7.0 Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti u Materji Finanzjarji

7.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta l-iskedi ta' pagamenti bir-referenza 91-05, li gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha.

**Nota: 18:47 Is-Sindku Nigel Holland rritorna ghal-laqgha u kompla jippresiedi.**

7.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris informa li hu kien ser jastjeni mill-pagamenti kollha li jikkoncernaw lill-Jobbers Ironmongery u lill-Aurelia Enforcement Ltd.

7.3 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili u ssekondat mill-Kunsillier Vincent Borg, ittiehed vot favur l-approvazzjoni tal-hlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati bhala cekk nru 11914 sa 12013, bir-rizultat:

Favur: 4 (DSH, VB, NH, MP)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

7.4 Ghaldaqstant, l-iskeda ta' pagamenti sabiex jigu approvati l-hlasijiet għaddiet u giet iffirmata mis-Sindku, minn zewg kunsillieri u mis-Segretarju Ezekuttiv.

7.5 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li wahda mir-rimarki tal-awditur kienet rigward is-sitema ta' rcevuti fejn kien issuggeriet li l-Kunsill jinvesti f'sistema kompjuterizzata. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li hu kien gab kwotazzjoni li tammonta ghal €550. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

## 8.0 Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet

8.1 Ma kien hemm l-ebda mozzjonijiet / rakkomandazzjonijiet.

## 9.0 Pjan ta' Hidma 2014-2016

9.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq ghall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Pjan ta' Hidma 2014-2016.

9.2 Huwa kompla billi spjega fid-dettall dak li kien jinvolvi dan il-pjan ta' hidma.

9.3 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li jkun ideali li kieku l-Gvern jaghmel l-istess u jippublika l-allokazzjoni li ser jaghti lill-kunsilli fis-snin li gejjin u dan anke biex il-kunsilli lokali jkunu jistghu jippjanaw ahjar u fit-tul.

9.4 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Vincent Borg favur l-approvazzjoni tal-Pjan ta'

Hidma 2014-2016, issekondat mill-Vici Sindku Matthew Paris, ittiehed vot bir-rizultat kien:

Favur: 4 (VB, MP, NH, DSH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

## 10.0 Abbozz tal-Management Letter ghas-sena 2013

10.1 Is-Segretarju Ezekuttiv fetah id-diskussjoni billi irrimarka li din hija abozz.

10.2 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li kien hemm materji fejn il-Kunsill kien mar tajjeb kif ukoll materji fejn il-Kunsill kien sfortunatament baqa' l-istess.

10.3 Huwa qal ukoll li kien hemm diversi punti li kienu jikkoncernaw lill-Accountant tal-Kunsill.

## 11.0 Master Plan ghall-Floriana

11.1 Is-Sindku Nigel Holland qal li ricentement kien gie avvicinat minn resident Furjaniz li juri hafna interess dwar il-lokalita' tal-Floriana.

11.2 Is-Sindku qal li jixtieq li jigi mahluq sottokumitat gdid li jkun responsabbli mill-Masterplan ghall-Floriana. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

11.3 Is-Sindku kompla billi ssuggerixxa lis-Sur John Hackshaw bhala Chairman ta' dan is-sottokumitat. Il-Kunsill approva.

11.4 Is-Sindku Nigel Holland ipprezenta abbozz miktub mis-Sur John Hackshaw b'diversi suggerimenti.

## 12.0 Evalwazzjoni ta' Offerti

### 12.1 Esklussivita ta Bejgh ta Ikel U Xorb (FNLTNAM)

12.1.1 Is-Sindku fetah id-diskussjoni billi qal li kien hemm tliet offerenti.

12.1.2 Wara mozzjoni mressqa mis-Sindku Nigel Holland favur l-approvazzjoni tal-offerta' ta' Barcode minhabba li kienet l-iktar offerta' vantaggjuza, issekondata mill-Vici Sindku Matthew Paris, ittiehed vot bir-rizultat kien:

Favur: 4 (NH, MP, VB, DSH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

12.1.3 Il-Vici Sindku Matthew Paris irrimarka li l-offerent ghandu jkun responsabbli minn dak li jbiegh, ecc. Il-Kunsill qabel li ghandu jkun informat b'din il-kundizzjoni kif ukoll bil-kundizzjonijiet tas-soltu mponuti mill-Kunsill.

### 12.2 Hiring of Crash Barriers (FNLTNAM)

12.2.1 Is-Segretarju Ezekuttiv fetah id-diskussjoni billi qal li wara li kien talab kjarifika lill-

kuntrattur, irrizulta li l-crash barriers il-baxxi huma l-barriers in-normali u li dawk l-gholjin huma dawk li gieli jintuzaw waqt kuncerti, bhal dawk li jdawwru il-Knisja Arcipretali ta San Publju.

12.2.2 Wara mozzjoni mressqa mill-Vici Sindku Matthew Paris favur l-offerta' ta' A+ Buildings peress li kienet l-aktar offerta' ragjonevoli, inkluz l-installazzjoni, issekondat mill-Kunsillier Vincent Borg, ittiehed vot bir-rizultat kien:

Favur: 4 (MP, VB, NH, DSH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

12.2.3 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li l-Pulizija kienu qed jikkunsidraw li jergghu jibdew jikru l-barriers taghhom.

## 13.0 Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat

13.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi qal li kollox kien miexi kif ippjanat.

13.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris saqsa meta kienet ser issir il-konferenza stampa.

13.3 Is-Sindku Nigel Holland qal li kien hemm suggeriment li l-konferenza stampa ssir il-Grand Hotel Excelsior, li kienu verament generuzi mal-Kunsill kif ukoll li ghenu hafna fl-organizzazzjoni ta' din l-attivita'. Il-Kunsill qabel.

13.4 Il-Kunsill qabel li d-data tal-konferenza stampa ghandha tigi stabbilita iktar tard wara li tkun approvata mill-kunsillieri kollha permezz ta' memo interna.

## 14.0 Gabbana tac-Centru Rikreattiv Re Gorg V

14.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi ghamel riferenza ghal dak li kien gie diskuss fl-ahhar laqgha.

14.2 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li hu kien tkellem mal-persuna kkoncernata fejn qablet li l-permess idur minn fuq isimha. Il-persuna qablet bil-kundizzjoni li l-Kunsill ihallas l-ispejjez li hi ghamlet fit-twaqqif taghha biex il-gabbana tkun tista' topera li jinkludu pjanti tal-MEPA, compliance certificate kif ukoll l-ispejjez tal-perit u l-application fee.

14.3 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li hu kien talab lill-Perit tal-Kunsill sabiex jaghmel rapport tal-ispejjez involuti li rrizulta li jammontaw appprossimament €685.

14.4 Il-Kunsill qabel li ghandu jinforma lill-persuna kkoncernata b'dan ir-rapport sabiex jiehu l-feedback taghha u li f'kaz li jkun hemm accetazzjoni, il-materja ghandha terga' titla' fuq l-agenda tal-laqgha tal-Kunsill sabiex tittiehed decizjoni finali dwarha.

## 15.0 Penaltajiet ghall-Kuntratturi li jonqsu minn dmirom

15.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi qal li kellu talba minghand il-kuntrattur ta' gbir ta' skart sabiex issir emenda fil-mizuri li l-Kunsill jiehu meta jkun hemm nuqqasijiet mill-kuntrattur.

15.2 Is-Sindku qal li meta l-Kunsill jaghti default notices, dan jirrifletti hazin fuq il-kuntrattur u

jinfluwenza d-decizjoni ta' kunsilli ohra meta l-kuntrattur jitfa' xi offerta'.

15.3 Is-Sindku qal li minkejja dan, il-Kunsill irid ikollu l-opportujnita' li jissanzjona lill-kuntratturi tan-nuqqasijiet taghhom.

15.4 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li l-kuntrattur jista' jaghmel bdil fil-kuntratt bi qbil mal-kuntrattur fejn il-Kunsill jista' jaqbel fuq x'tip ta' sanzjonijiet johorgu.

15.5 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li l-kuntratturi jafu ma jiehdux multa bis-serjeta' u ghalhekk forsi jkun ahjar li tithalla d-default notice.

15.6 Is-Sindku Nigel Holland qal li l-Kunsill qieghed jahdem b'kuntratti differenti u hu jhoss li l-Kunsill ghandu jimxi b'linja wahda ma' kull kuntrattur.

15.7 Il-Vici Sindku qal li hu jaqbel li ghandu jkun hemm uniformita' ta' jigu ddixxiplinati n-nuqqasijiet.

15.8 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li l-fatt li wiehed mill-kuntratturi kien qed jigi mmultat waqt li l-iehor ma kienx, ma kienx biss nuqqas tas-sistema izda kien nuqqas tal-kunsillier li ma kienx qed iressaq l-ilmenti quddiem il-Kunsill.

15.9 Is-Sindku qal li hu ma jaqbilx li hemm kuntrattur li l-Kunsill jibghatlu email bl-ilmenti filwaqt li l-kuntrattur l-iehor ma kien jircievi l-ebda email rigward in-nuqqasijiet tieghu. Is-Sindku qal li kien hemm bzonn li l-Kunsill jimxi bl-istess mod ma' kulhadd.

15.10 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li kien hemm differenza kbira bejn iz-zewg kuntratti; filwaqt li l-kuntratt tal-gbir ta' skart kien jinkludi hafna affarijiet fih u kien iktar vast, il-kuntratt ta' gheluq u ftuh tal-gonna kellu stipulat fih ammont ta' xoghol li jrid isir u li xorta jibqa' ma jsirx.

15.11 Is-Sindku Nigel Holland saqsa lill-kunsillieri ghalfejn qatt ma jressqu ilmenti rigward il-hmieg fil-lokalita'.

15.12 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li hu ma kienx il-kunsillier responsabbli mill-indafa u ghalhekk ma kienx jircievi ilmenti relatati ma' dan. Huwa qal li minkejja dan, hu mhux l-ewwel darba li kkuntattja lill-kuntrattur ta' gbir ta' skart sabiex imur inaddaf xi zona.

15.13 Is-Sindku Nigel Holland qal li ghalhekk kien ser jipproponi li l-ebda kuntrattur ma jibqa' jigi nformat b'email rigward l-ilmenti li jidhlu dwaru.

15.14 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li l-ufficcju amministrattiv jibghat l-ilmenti kollha li jidhlu fl-ufficcju lil kuntrattur relevanti impjegat mal-Kunsill izda hu bhala Segretarju Ezekuttiv la ghandu d-dritt u mhux ser ikun hu li johrog id-default notices lill-kuntratturi minhabba li tali decizjoni ghandha ssir mill-Kunsill u mhux minnu. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li dan isir biex tinzamm uniformita'.

15.15 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li hi kienet ta' kull darba tirraporta li l-bieb tal-gnien li ma jinghalaqx fil-weekend u minkejja d-default notices li johorgu, dan xorta jibqa ma jinghalaqx gimgha wara l-ohra. Hija qalet li din xi kultant tinhass bhala sfida mill-kuntrattur li jibqa' ma jaghtix kaz l-istruzzjonijiet tal-Kunsill.

15.16 Is-Sindku qal li meta nnota l-bieb tal-gnien miftuh, hu wkoll kien gie jirraporta n-nuqqas.

15.17 Il-Vici Sindku Matthew Paris ghamel riferenza ghal ilment li deher fuq it-Times of Malta rigward is-sitwazzjoni hazina tal-latrini tac-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V izda fl-istess hin giet

imfahhra l-indafa generali fil-Floriana.

15.18 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li jifhem li l-latrini jistghu jithammgu minn wara persuna wahda u ghalhekk jaf mhux dejjem ikun tort tal-kuntrattur, izda rigward l-gheluq u l-ftuh dawn huma responsabbiltajiet tal-kuntrattur.

15.19 Is-Sindku qal li hu jixtieq li tigi miftehma struttura ta' penaltajiet fejn ma' kull tant nuqqas, il-Kunsill jaghti penali.

15.20 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li l-kunsillieri m'humiex Pulizija u li huwa ezawrenti li wiehed irid joqghod icempel lil kull kuntrattur biex jaghmel xogholu.

15.21 Ghalhekk il-Kunsill qabel li ghandu jibqa' jinforma lill-kuntratturi b'email b'kull nuqqas irraportat izda li ser jibdew jigu penalizzati ta' kull nuqqas.

15.22 Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu jinforma lill-kuntrattur Karl De Flavia sabiex jipprovdi attendant mal-latrini tac-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V fil-Festival tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat, kif stipulat fil-kuntratt.

**Nota: 19:40 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili talbet li tkun skuzata.**

15.23 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill bit-talba tal-kuntrattur Wilson Mifsud li talab li tigi revokata d default notice. Il-Kunsill ma qabilx li ghandu jilqa' din it-talba.

**Nota: 19:42 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili regghet attendiet ghal-laqgha.**

## 16.0 Hlas mill-Awtorita` tad-Djar ghal xoghol imwettaq mill-Kunsill

16.1 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghal-laqgha li nzammet mal-Kap Ezekuttiv u mac-Chairperson tal-Awtorita' tad-Djar.

16.2 Is-Sindku qal li jinsab daqsxejn dizappuntat li certu affarijiet jintesew wara zewg laqghat.

16.3 Is-Sindku ppropona li jinghata zmien stipulat sabiex il-Kunsill jithallas il-flus dovuti lilu.

16.4 Is-Sindku ssuggerixxa wkoll li jikteb lill-Onor. Michael Farrugia rigward din is-sitwazzjoni. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

16.5 Il-Vici Sindku Matthew Paris saqsa jekk matul il-laqgha kienux issemmew iz-zewg progetti li dwarhom kienet inghatat l-indikazzjoni li ser tohrog l-approvazzjoni. Is-Sindku qal li hu kellu indikazzjoni li kienet qed issir evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet kollha li saru.

## 17.0 Pavimentar ta' Gnien il-Mall

17.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi qal li kien hemm bzonn urgenti li jitranga il-pavimentar ta' Gnien il-Mall.

17.2 Il-Kunsillier Vincent Borg issuggerixxa li t-talba ssir lill-V18 fil-laqgha li ser issir dalwaqt.

17.3 Is-Sindku qal li hu ma jaqbilx ma' din il-proposta u ppropona li ghandha ssir talba lill-Ministru minhabba li din kienet tikkoncerna l-manutenzjoni u mhux progett gdid kif semmew il-V18.

17.4 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghal-laqgha li kellu ma' Dr Ronald Cuschieri fejn dan kien ippropona li jsiru t-tiswijiet fid-dwal bil-kundizzjoni li Gnien il-Mall jibda' jinghalaq.

17.5 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li ghandha tipprova tkellem lil xi hadd mill-ministeru ta' l-Onorevoli Joe Mizzi dwar dawn il-punti.

17.6 Is-Sindku Nigel Holland qal li jhoss li kien wasal iz-zmien li ssir konferenza stampa dwar din is-sitwazzjoni kif ukoll rigward is-sitwazzjoni dizastruza tas-subways.

17.7 Il-Kunsill qabel li ghandu jaghti ftit cans biex jara jekk is-sitwazzjonijiet jissolvewx qabel ma jsejjah konferenza stampa.

## <u>18.0 Fondi mill-Unjoni Ewropeja</u>

18.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi ghamel riferenza ghal dak li gie diskuss fil-laqgha precedenti.

18.2 Il-Kunsill qabel li ghandu jitkellem ma' Regjun Xlokk rigward din il-materja.

## <u>19.0 Parkeggi</u>

19.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi saqsa jekk kienx hemm xi zviluppi rigward it-tnehhij tal-parkeggi.

19.2 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li hu kien qed jistenna li l-iSptar Sir Paul Boffa ma jibqax jopera mill-Floriana sabiex ikun jista' jnehhi l-parkeggi.

19.3 Is-Sindku nforma li kien ta kopja tal-linji gwida mahruga minn Transport Malta lill-UHM minhabba li kienu talbuhomlu izda ma kien ircieva l-ebda risposta dwarhom.

19.4 Ghalhekk, il-Kunsill qabel li l-parkeggi ghandhom jitnehhew wara l-festa ta' San Publju.

## <u>20.0 Gonna u Soft Areas</u>

20.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi semma s-soft area ta' hdejn il-Kunvent tal-Kapuccini u saqsa jekk is-soft areas kienux kollha inkluzi fit-tender.

20.2 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li l-Kunsill kien zied diversi soft areas fit-tender izda ma kienx cert dwar din is-soft area patikolari.

20.3 Is-Sindku Nigel Holland saqsa jekk kienx hemm xi zviluppi mill-Fondi ta` GARDMED.

20.4 Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li kien ghadu qed jistenna risposta minghand l-Lead Partner Anna Gugliermo.

20.5 Is-Sindku wiegeb li kien ser jipprova jaghmel kuntatt mas-Sinjura Gugliermo sabiex jintalbu jaghtu l-flus dovuti lill-Kunsill rigward dan il-progett.

## 21.0 Bankini u Asfaltar Balzunetta

21.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi qal li fl-iskeda ta' pagamenti approvata llum, inhargu xi pagamenti lill-kuntrattur Dion Galea fir-rigward tax-xoghol ta' bankini u asfaltar f'Balzunetta.

21.2 Ghalhekk huwa ssuggerixxa li l-Kunsill jitlob lill-kuntrattur sabiex ikompli x-xoghol kif kien gie miftiehem wara li tghaddi l-festa ta' San Publju.

21.3 Il-Kunsillier Vincent Borg fakkar lis-Segretarju Ezekuttiv li jrid jinxtara l-materjal ghall-bollards-il godda.

21.4 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili informat lill-Kunsill li kienet tqacctec il-bollard li hemm fi Triq Vincenzo Dimech.

## 22.0 Jum il-Floriana

22.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi qal li kien rega' wasal iz-zmien biex il-Kunsill jaghzel l-individwi li kienu ser jircievu l-premjijiet ta' din is-sena.

22.2 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili nnominat lill-Maria Victoria Farrugia ghall-Premju Zghazugh/a tas-Sena. Il-Kunsill qabel nem. con.

22.3 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili nnominat lil Shayleigh Micallef ghall-Premju tat-Tfal. Il-Kunsill qabel li din id-decizjoni ghandha tigi posposta minhabba li dan il-premju ssoltu jinghata lil tfal li wrew sens civiku.

22.4 Is-Sindku Nigel Holland innomina lil Charles Micallef ghall-Premju Resident tas-Sena. Il-Kunsill qabel nem. con.

22.5 Is-Sindku Nigel Holland innomina lis-Supretendent Alexandra Mamo ghall-Premju Ufficjal tas-Sena. Il-Kunsill qabel nem con.

22.6 Is-Sindku Nigel Holland innomina lill-Janet Micallef ghall-Premju Kuragg Qalb ta' Ljun. Il-Kunsill qabel nem. con. Bil-kundizzjonili taccetta hi.

22.7 Is-Sindku Nigel Holland innomina lil MSV Life ghall-Premju Kummerc ghall-Komunita'. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

22.8 Is-Sindku xtaq jiehu l-okkazzjoni sabiex jirringrazzja lill-istaff amministrattiv tal-ghajnuna taghhom f'dan il-mument u f'dawn l-avvenimenti.

## 23.0 Isle of MTV

23.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi qal li l-Kunsill kien ghaddilhom il-kundizzjonijiet ghall-edizzjoni ta' din is-sena izda ma kien ghad hemm l-ebda risposta.

23.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris issuggerixxa li l-Kunsill jitlob laqgha mal-Ministru Zammit Lewis dwar il-fanali ornamentali ta' fuq il-Fosos.

23.3 Il-Kunsill qabel mas-suggeriment u qabel li s-Sindku ghandu jiehu hsieb jitlob laqgha mieghu.

## 24.0 Aġġornament tal-laqgħa

24.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgha li jmiss ghandha ssir nhar it-Tnejn 7 ta' Mejju fil-5.30pm.

Il-laqgha ntemmet fit-20.30.

Nigel Holland
Sindku

Svetlick J. Flores
Segretarju Ezekuttiv